MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 368/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Angelo Cauchi bin Joseph u Inez nee' Gauci imwieled fit-18 ta' Awwissu 1960 u residenti Il-Girna, Triq l-Ixprunara, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 46760(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Angelo Cauchi li gie akkuzat talli nhar il-11 ta' Frar 2007 ghal habta tat-03:00hrs bhala l-persuna illi f'ismu ghandu l-licenzja sabiex jigestixxi l-hanut 'Horatio's Tavern Bar' li jinsab fi

Triq Manuel De Vilhena fl-Imgarr limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex:-

1. naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att Dwar Servizzi tal-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha hija soggetta l-licenza, billi daqq jew ippermetta li tindaqq muzika fil-hanut tieghu wara 23:00hrs u dana bi ksur ta'l-artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 u Regolament 38(2)(a) tal-Avviz Legali 1/2006.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fil-jum indikat fl-akkuza, l-pulizija ghall-habta tat-tlieta ta' fil-ghodu, kienu qed jaghmlu spezzjonijiet gewwa l-Imgarr Ghawdex, fil-hweinet tal-ikel u tax-xorb meta kemm is-surgent 1346 Anton Schembri, kif ukoll il-PC1053 Michael Falzon u l-PC906 Rayond Rapa semghu daqq ta' muzika gej mill-hanut Horatio Tavern Bar li kien qed jinstema minn barra. Huma kellmu lil certu Alexander Spiteri li huwa s-substitute u dana tefa l-muzika minnufih u stqarr maghhom li ma kienx jaf illi l-muzika kienet qed tinstema minn barra. Illi l-ghada s-surgent Schembri kellem lill-imputat li stqarr mieghu illi huwa ma kienx presenti u li kien qed jiehu hsieb il-post Alexander Spiteri li huwa s-substitute.

Illi fil-fatt jirrizulta illi l-post huwa illicenzjat fuq l-imputat Angelo Cauchi u li Alexander Spiteri huwa substitute licensee u li ghandu permess ta' extension of business hours sal-erbgha ta' fil-ghodu. Illi fost il-kundizzjonijiet tal-licenzja hemm il-kundizzjoni illi l-licensee ghandu josserva l-ligijiet u r-regolamenti kollha tal-Awtorita ta' Malta ghat-

Turizmu u l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi kif ukoll il-ligijiet u r-regolamenti kollha vigenti.

Illi ma hemmx dubbju illi f'dana l-kaz il-muzika baqghet tinstema minn barra, tant illi gibbdet l-attenzjoni tas-surgent Schembri u l-pulizija li kienu qed jakkompanjawh.

Illi qabel xejn id-difiza fis-seduta tat-22 ta' April 2008 eccepiet il-presekrizzjoni tal-azzjoni kriminali bid-dekors ta' tlett xhur billi l-akkuza migjuba kontra l-imputat tinkwadra ruhha taht dak dispost fil-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dan peress illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument id-difiza ghandha ragun, ir-reati li jaqghu taht il-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta ghalkemm punibbli b'ammenda, xortawahda huma preskrivibbli bid-dekors ta' sentejn u dana kif dispost fl-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi dina l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Illi d-difiza wkoll targumenta illi gialadarba kien hemm is-substitute presenti fuq il-post, allura huwa jkun responsabbli f'dak il-hin u l-licensee ma ghandux jinsab responsabbli wkoll. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dina l-linja difenzjonali lanqas. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Cutajar deciza fis-16 ta' April 2010, il-Qorti spjegat ic-cirkostanzi fejn il-licensee jista' jezimi ruhu minn kull responsabbilta' billi jipprova imqar fuq bazi ta' probabbilita' li :

" **(1) kellu *substitute* regolarment licenzjat … u (2) li huwa ta struzzjonijiet cari lil dan is-*substitute* dwar il-kundizzjonijiet tal-licenzja li ghandhom jigu osservati, u li allura dawn, jew xi wahda jew aktar minnhom, ma gewx osservati proprju kontra l-ordni jew direttiva cara tieghu. Altrimenti, l-aktar haga facli ghall-*licensee* hi li jghid li hu ma kienx fuq il-post meta sehh in-nuqqas, jew li halla f'idejn is-*substitute*.**

Illi d-difiza dina l-prova ma tressaqhiex. Fil-fatt l-imputat lanqas biss xehed f'dawn il-proceduri. Illi f'sentenza ohra simili ghal kaz in dizamina deciza mill-Qorti tal-Appelli

Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Debrincat deciza fil-25 ta' Jannar 2008, il-Qorti qalet:

"**Licenzja bhal dik in kwistjoni tinhareg f'isem persuna fizika proprju biex dik il-persuna tidhol responsabbli ghall-osservanza tal-ligijiet kollha konnessi max-xoghol, negozju ecc. li ghalih tkun tirreferi dik l-istess licenzja. Dan jirrizulta car kemm mill-"General Conditions" li jidhru stampati fuq l-istess licenzja, kif ukoll mill-lokuzzjoni adoperata fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 43 tal-Kap. 409 – "Kull min meta jkollu licenza…"). Il-fatt li jkun hemm *substitute* (li, ghall-finijiet tal-*Wines and Spirits Regulations*, L.S. 10.09, huwa biss impjegat tal-*licensee*) b'ebda mod ma jezonera lill-*licensee* mill-obbligi tieghu**."

Illi ghaldaqstant l-imputat ghandu iwiegeb ghal dana in-nuqqas.

Illi mill-qari tal-akkuza jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni qed tindika li tista' tinstab htija kemm taht l-artikolu 43 tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolament 38(2)(a) tal-Avviz Legali 1 tal-2006 li jgorr piena ferm inqas minn dak sancit fil-Kapitolu 409. Illi li kieku inghataw zewg akkuzi li jaqghu taht dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi l-Qorti kienet issib htija fir-rigward taz-zewg akkuzi u mbaghad tghaddi biex tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9. Izda f'dana l-kaz il-Prosekuzzjoni tat akkuza wahda u ghalhekk fid-dawl ta' dina l-anomalija dina l-Qorti ser issib htija taht l-Avviz Legali 1 tal-2006 biss u kwindi ser tghaddi biex tapplika l-piena prevista fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolament 38(2)(a) u 53 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 u l-artikolu 18(a) tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda ta' €116.47.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------